# Riflessjonijiet dwar il-Mediterran

## Ħarsa mill-Qrib lejn Żewġ Xogħlijiet Letterarji

Leanne Ellul

**Astratt**

Il-Mediterran mhuwiex sempliċement għadira kbira ta' ilma meqjusa bħala baħar magħluq għaliex jikseb dimensjonijiet oħra fil-letteratura Maltija, Mediterranja, u anke f'dik ta' kittieba mhux Mediterranji. Daqskemm ma nistgħux nevitaw dan il-baħar għax imdawrin bih, ċerti kittieba ma jevitawhx f'kitbiethom. Il-Mediterran jifforma parti minn dak li aħna. Temi bħar-reliġjon, il-ġeografija, l-istorja, l-ambjent, it-turiżmu u l-mitoloġija jitwaħħdu miegħu. Barghouti u Grima jistqarru li "*The Mediterranean domain is where some of the world's most vibrant civilizations once thrived on interaction, acculturation, trade and common interest. It is a region that has contributed a disproportionately great share to human philosophy, arts and sciences, anchored in a seamless blend of different cultures. Its potential is embedded in its history*" (Barghouti u Grima, 2005). Dawn it-temi u oħrajn jimmanifestaw ruħhom fost l-oħrajn fil-poeżija *L-Odissea* ta' Mario Azzopardi u fis-silta *Odissea* ta' Kilin.

* * *

Matul is-snin il-Mediterran ġie definit fost l-oħrajn fi stqarrijiet politiċi, kitbiet estetiċi kif ukoll f'testi letterarji. Għadd ta' kittieba jżerżqu kummenti li permezz tagħhom jiddefinixxu l-Mediterran b'mod konxju filwaqt li oħrajn, jogħmlu dan inkonxjament. Fiż-żewġ każijiet, mill-kitbiet letterarji nistgħu nisiltu t-tifsira ta' *Mediterran* għal għadd ta' kittieba Maltin. Friggieri jisħaq fuq din ir-rabta li twassal

għall-bini ta' identità partikolari.

Poeżija li tinbena fuq il-kunċett tal-Mediterran minn aspetti differenti hi *L-Odissea* ta' Azzopardi li fiha nsibu referenza ċara għall-baħar Mediterran fil-versi

Kursar antik jien
b'għeruqi mifruxin fil-baħar tan-nofs ...

Il-kelma *Mediterran*, magħmula minn *medius* li tfisser *nofs* u terra li tfisser *art*, hi miftuqa biex tifforma l-frażi "baħar tan-nofs" (Azzopardi). Ir-relazzjoni ta' Malta u l-Mediterran hi waħda partikolari għax filwaqt li l-baħar Mediterran qiegħed f'nofs tant artijiet, Malta qiegħda f'nofs dan il-baħar. L-idea tal-aħħar, kif jgħid Grima fi *Precariousness and the Erasure of the Mediterranean* intużat għal skopijiet kummerċjali u waqtiet oħra Malta saret iċ-ċentru tal-Ewropa għall-skopijiet finanzjarji u ekonomiċi. Iżda Azzopardi ma jfittixx li jintrabat mal-idea ta' Malta bħala ċ-ċentru tal-Mediterran tant li *Fl-Isfond ta' Linji Ġodda* jistqarr li "Malta ta' Dun Karm, reġina żgħira tal-Mediterran, saret ċajta goffa".

Min-naħa l-oħra, id-deskrizzjoni tal-baħar f'*Odissea* ta'Kilin tpoġġih, fit-termini ta'Horden, f'pożizzjoni Romantika. Hu jiddeskrivi l-baħar u s-sbuħija tiegħu tant li jidolizzah għalkemm jagħraf li qiegħed fi kriżi għaliex aħna stess qed neqirdu lilu u l-ispeċi li hemm fih.

B'Azzopardi, Massa u Kilin (1989) li ħafna drabi jitkellmu dwar il-baħar innifsu u xi minn daqqiet dwar dawk li jmissu miegħu, il-metodu ta' Braudel jiġifieri li jitkellem dwar il-Mediterran bħala reġjun sħiħ, twarrab. Fil-poeżija ta' Azzopardi nsibu l-versi

U jien repubblikan
mal-kosta tal-Mediterran ...

Hawn l-idea ta' Mediterran titwessa' xi ftit għax minbarra l-baħar jinkludi wkoll il-kosta u hekk il-Mediterran isir il-baħar u dak li jmiss miegħu. Kilin ukoll, meta jsemmi l-qerda tal-baħar Mediterran isemmi l-qerda tal-plankton u l-arja. Hekk il-qerda tal-ambjent mal-baħar tissemma b'mod espliċitu. Fit-termini ta' Horden, din il-pożizzjoni nirreferu għaliha bħala riduttiva għax il-kittieb iħares lejn il-Mediterran bħala l-baħar jew il-baħar u dak li jiġri ftit kilometri 'l ġewwa mill-baħar, fuq l-art (5).

Mal-baħar Mediterran, Kilin jorbot ukoll id-deskrizzjonijiet ekoloġiċi, aktarx

bi skop didattiku u bil-ħsieb li jqanqal kuxjenza. Hawn l-idea ta' Mediterran terġa' titwessa' għax isemmi l-ambjent taħt l-ilma baħar. Kilin jirrealizza f'liema stat qiegħed il-baħar Mediterran meta

> ... aqwa mill-ħmieġ mill-art jiġi l-ħmieġ mill-baħar, biż-żejt li jħallu t-tankers u l-ħmieġ li jaf joħloq il-bniedem ċivilizzat tas-seklu għoxrin. Nies tal-affari tagħhom qalulna li jekk ma niħdux passi serji kontra l-polluzzjoni l-Mediterran jista' jmut. Imut! Imut il-ħut u jmut il-ħaxix tal-baħar, u l-plankton, u magħhom jinqered l-ossiġnu tal-arja.

Hu jinkedd bl-għarfien li dan l-ambjent jista' jinqered. Il-baħar isejjaħlu "dinja oħra" u "dinja msaħħra" (Kilin) u għalhekk jidher bħala post ideali. Isemmi lil Thor Heyerdhal li ra l-Atlantiku mimli ħmieġ u jagħraf li l-baħar Mediterran mhux privileġġat: bħalma tniġġes l-Atlantiku, hekk ukoll jista' jitniġġes il-baħar Mediterran (99).

Massa jsemmi wkoll il-karatteristika tas-sajd u speċi ta' ħut bħal *mola*, *sirran* u *lampuk* (*Xibkatuliss* 1). Hekk għal Massa, il-baħar Mediterran mhux sempliċement l-ilma iżda l-ħlejjaq li jgħixu fih u l-attività li ssir fuq u taħt il-baħar. Is-sajd, li f'din il-poeżija d-definizzjoni tiegħu titwessa', hi waħda mill-attivitajiet marbuta intimament mal-Mediterran (Massa, *Xibkatuliss* 1).

Marbuta wkoll mal-Mediterran hemm l-attività tal-kursara. Fil-poeżija ta' Azzopardi, il-baħar jidher bħala l-possessjoni naturali tal-kursar hekk kif l-għeruq tiegħu, il-qofol tal-jien tiegħu, huma mifruxa fil-baħar Mediterran. L-għeruq jimplikaw sens ta' appartenenza li mhux faċli li jinħall meta dawn kienu jiddependu minnu biex jaqilgħu ħobżhom. Dan ifakkarna f'Duminku li kien iqis il-baħar Mediterran bħala d-dar tiegħu aktar mill-art (Bonnici). Din ir-rabta mal-baħar Mediterran tinħass ukoll f'fil kontinwu fil-poeżiji ta' Massa (*Xibkatuliss* 1).

Dawn il-karatteristiċi kollha jidħlu f'qafas storiku wieħed. Fi vrusu Azzopardi jimplika l-istorja mqallba tal-Mediterran li fiha l-baħħara fosthom Ulisse u l-kursara kellhom sehem kruċjali. Isemmi wkoll l-għeruq tal-kursar mifruxa fil-baħar Mediterran. Jidher li mingħajr il-baħar Mediterran il-poeta ma hu xejn daqskemm il-kursar ma kien xejn mingħajr l-istess baħar. F'dan jinħass sens ta' appartenenza. Għall-kursar, Azzopardi jkompli b'dawn il-versi:

> ... insalpa fuq il-mirkeb tal-possibbiltà
> nisraq daqqa borża kwiekeb
> daqqa barmil ġawhar tal-Anatolja
> jew
> l-ungwentarji tal-maġija.

Il-kelma *possibbiltà* tintrabat tajjeb mal-Mediterran. Hekk kif il-baħar Mediterran qiegħed fin-nofs, metaforikament bejn ħaltejn, hekk ukoll il-kursar qiegħed "fuq il-mirkeb tal-possibbiltà" (Azzopardi), fit-triq tan-nofs. L-idea ta' kursar ġiet ridimensjonata għalkemm xogħlu baqa' essenzjalment dak li kien qabel: is-serq. Drofenik tirrakkonta kif il-Mediterran għaliha jfisser fost l-oħrajn sajdiet kbar u kutrabandu. F'*Odissea,* Kilin ukoll jirreferi għall-kursara ta' Barbarija li magħhom ġabu tant qerda.

Fost l-aspetti storiċi marbuta mal-Mediterran Azzopardi jsemmi *l-ħanżira neolitika, namrat Arkadjan, it-testi ta' Virġilju u Teokritu, qrati ta' Ċiċerun, katakombi, kalifat Ottoman, għajn waħda Feniċja/ l-oħra Latina, gwerrier, avventurier Barokk, Brittanja* u riferimenti jew personaġġi storiċi oħrajn u għalhekk nintebħu li fil-Mediterran qatt ma kien hemm identità waħda. Grima jgħid hekk:

> Il-qofol tal-kunċett ta' 'Mediterran' jinsab fiċ-ċaqliq li seħħ u fit-taħlit bejn il-ġnus differenti li hu ta' dan iċ-ċaqliq ... Imkien daqs il-Mediterran ma kien hemm popli u razez li, għal sekli sħaħ, tħalltu bejniethom u ħabbtu wiċċhom ma' xulxin...

Dan it-trattament storiku jaddottah ukoll Kilin (*Tlikki tlikki*) fejn isemmi għadd ta' ħakkiema u personaġġi fosthom *Ulisse, il-Kartaġiniżi, ir-Rumani, il-kursari tal-Barbarija, it-Torok* u *t-turisti Ingliżi.* Malta mdawra bil-baħar Mediterran kif inhi, qatt ma setgħet taħrab dawn il-ħakmiet u għalhekk il-Mediterran kien sors essenzjali sabiex tkun iffurmata l-istorja ta' pajjiżna u parti mill-istorja tal-Mediterran.
Friggieri jirreferi għall-Mediterranjetà tal-letteratura Maltija bħala l-kuxjenza tal-qedem imbiegħed (97). Din il-kuxjenza tant titqawwa li ssir kategorija mentali, ħaġa li m'għandhiex tgħaġġibna l-aktar fil-każ ta' Azzopardi (*L-Odissea*) u Massa (*Xibkatuliss*). Dik illi tidher bħala nostalġija, fil-qofol tagħha hi tiftixa għall-punt tat-tluq. Skontu, il-qedem hu rifless ta' ċiviltà għolja li sa mill-bidu deher fil-letteratura tagħna (Friggieri 97). Dan jidher sew fil-poeżija *L-Odissea* (Azzopardi) permezz tal-kursar u hekk ukoll f'Kilin.

Il-mitoloġija titwaħħad mal-istorja. F'Azzopardi għandna t-tiftixa tal-bniedem għall-'jien', Odissew li fittex u terraq sa ma sab lil artu u reġa' lura għand martu. Odissew jintrabat sew mal-Mediterran minħabba li bit-tama li jsib art twelidu, dam ibaħħar minn art għal oħra. Fost l-ibħra li baħħar fihom hemm il-baħar Mediterran. Laura Susan Henry f'*Geography in Greek Myth* titkellem fuq il-baħar Mediterran bħala l-ispazju li fih nibtu u kotru l-mitoloġiji Griegi.

L-akbar preżenza tal-mitoloġija Griega tinħass f'*Xibkatuliss* (Massa) hekk kif Ulisse jerġa' jokkupa pożizzjoni ċentrali f'din il-poeżija. Wieħed ma jistax jaħseb fi bniedem Mediterranju tipiku u ma jaħsibx f'Ulisse.

Il-poeżija Moderna fittxet li tirritorna lejn l-għeruq. Kif il-letteratura Ingliża għamlet dan snin qabel[1] u addottat il-mitoloġija Griega bħallikieku kienet tagħha, kittieba moderni fosthom Azzopardi u Massa (*Xibkatuliss*) reġgħu daħħlu l-Klassiċi u l-miti fil-kitbiet tagħhom. Min-naħa l-oħra, f'Kilin (*Tlikki tlikki*), Odissew ma hu ħadd ħlief Odissew jiġifieri l-figura mitoloġika. Hu jinnarra l-ġrajjiet ta' Odissew b'rabta mal-esperjenzi li kellu mal-baħar u jassimila lilu nnifsu miegħu, hekk kif hu wkoll għandu din ir-rabta intima mal-baħar.

L-istorja tal-Mediterran bis-sabiħ u t-tajjeb tagħha tidher wisq akbar mill-bniedem filwaqt li l-mitoloġija tidher imwaħħda b'mod naturali mal-bniedem. Dawn il-forzi jaħkmu lill-bniedem essenzjalment Mediterranju li jdur fl-istess ċirku biex jerġa' jispiċċa minn fejn telaq. Kif jgħid Kilin "mar Ulisse u ġew il-Kartaġiniżi u r-Rumani" u warajhom tant ġnus oħra f'"mewġa wara mewġa ... u l-mewġa tagħna daqt tgħaddi wkoll".

L-aspett tal-fidi jintrabat diversi drabi mal-Mediterran ukoll. Fil-poeżija *Xibkatuliss* (Massa) hemm referenza għall-fidi li tintrabat mal-Mediterran għax hemm preżenti t-tliet reliġjonijiet il-kbar li lagħbu parti importanti fil-ġrajjiet tal-Mediterran. Hekk il-Mediterran jikseb is-sens ta' reġjun wieħed. Għal Friggieri r-reġjunalità hi wieħed mill-qisien li bihom tista' titkejjel il-letteratura tagħna għax "il-Mediterranjetà tagħna tfisser, qabelxejn, sens qawwi ta' reliġjożità, esperjenza radikali tad-divinità li tmexxi kollox u tindaħal biex tiddeċiedi saħansitra l-għemejjel żgħar u l-avvanzi politiċi l-kbar".

Min-naħa l-oħra, it-tfajla fil-poeżija ta' Massa tidher qed "tfittex l-assoluzzjoni" (*Xibkatuliss*) u trodd is-salib għal wiċċha, idea li wieħed jista' jinterpretaha bħala qtugħ. Barra minn hekk jinħoloq kuntrast bejn il-mitoloġija – it-twemmin fl-allat

1 Ara, ngħidu aħna, Keats.

Griegi – u t-twemmin f'Alla tal-Insara. Hawnhekk l-idea li l-Maltin bħala poplu Mediterranju huma Nsara hi sfiduċjata. Hekk ukoll f'Azzopardi meta jikteb li

> ... l-iskrittura tal-fidi
> llum imtappna għalkollox.

It-twemmin li writna matul is-snin u li qsamna b'mod komuni ma' tant ġnus oħra Mediterranji u li għażilna minn tant oħrajn jidher li qed nitilfuh. F'Azzopardi jidher ukoll il-kunflitt bejn żewġ reliġjonijiet kbar preżenti fil-Mediterran: minn naħa jsemmi "l-iskrittura tal-fidi" u min-naħa l-oħra l-"gwerrier ... kontra l-kalifat Ottoman". Din il-ġlieda storika f'isem ir-reliġjon hi assoċjata sew mal-Mediterran. Il-letteratura Maltija baqgħet iddominata minn sens qawwi ta' reliġjożità xi drabi kunflittwali li jeskala meta din tintrabat mar-reġjun sħiħ.

Karatteristika oħra li Azzopardi jorbot mal-Mediterran hi l-maġija għax jinkludi l-idea ta' rikkezza u għalhekk il-Mediterran jidher bħala spazju sinjur.[2] Massa (*Xibkatuliss*) isemmi s-seħer b'rabta mar-ramel sħun. Hawn tispikka l-idea li l-Mediterran hu xi ħaġa sopranaturali li thenni.

Aspett ieħor li jispikka fil-poeżiji ta' Azzopardi hu l-pożizzjoni politika li jieħu. Fil-fatt, fl-aħħar jirreferi għar-"repubblikan/mal-kosta tal-Mediterran". Azzopardi jidher bħala ċittadin ta' dan il-baħar hekk kif il-vuċi tiegħu tidwi f'dik tal-kursar. Azzopardi jkompli jsemmi l-personaġġi li siktu mal-kosta tal-Mediterran. Dawn il-versi jindikaw id-dekadenza. Għal waqt wieħed il-persona daqet il-ġrajjiet storiċi mwaħħda mal-Mediterran u issa l-istorja donnha reġgħet siktet. Mela l-persona hu kollox u ma hu xejn għax kif ikkalmat l-istorja hekk ukoll hu tilef l-identità tiegħu. Kollox jintrabat f'katina fejn il-qofol ta' kollox hi l-istorja. F'din il-katina tidħol Malta bħala art imdawra bil-baħar Mediterran li rat tant ħakkiema li waslu fuqha fuq il-baħar Mediterran. F'dan id-dawl, l-istorja mhijiex daqstant maqtugħa mill-politika hekk kif il-politika mhijiex maqtugħa mill-istorja.

Avviċinament realista jseħħ meta wieħed ma jifridx l-istorja tal-Mediterran mid-diskors li sar fuqu (Horden 6). Il-Mediterran jifforma parti minn ħajjet dawn il-poeti daqskemm hu ħaj 'il barra minnhom. Għal Azzopardi, dan jikkonfermah Falzon meta jikteb li *"his visions are interplays of Mediterranean lights and shadows ..."* (Falzon, 1995). Fid-diskors ta' Azzopardi daqskemm f'dak ta' Massa (*Xibkatuliss*) hemm il-Mediterran preżenti bħala xi ħaġa ħajja. Hekk għal Azzopardi l-Mediterran hu l-ewwel u qabel kollox baħar. Imbagħad mal-

2 Drofenik tassoċja aspett maġiku mal-Mediterran ukoll.

idea ta' Mediterran iwaħħad ukoll aspetti partikolari, xi drabi reġjonali, bħall-fidi, l-istorja u l-mitoloġija. Hekk ukoll Massa jorbot il-Mediterran mal-mitoloġija u ma' karatteristika partikolari li l-Mediterran hu magħruf għaliha, is-sajd (1). Kilin jara l-Mediterran, l-ewwel u qabel kollox bħala baħar għalkemm biex jasal għal din l-idea jgħaddina minn passaġġ storiku. Fuq kollox, nistgħu nifhmu biss li għalih ifisser ambjent naturali nawtiku. F'dan id-dawl, l-influwenza tal-Mediterran fuq il-kittieba Maltin tidher kważi bħala inevitabbli. Iżda meta wieħed jagħraf li mhux kull kittieb jirreferi għall-Mediterran jagħraf li dawk li jsemmuh jagħmlu dan għal skop partikolari kif rifless fil-kitba tagħhom stess.

*Nota tal-awtrċi: Ħajr lil Dr Adrian Grima li ddiskuta dan ix-xogħol miegħi u tani l-pariri siewja tiegħu.*

## Biblijografija

Azzopardi, Mario. *Fl-isfond ta' Linji Godda : noti għall-istudju tal-poeżija moderna f'Malta.* Il-Blata l-Bajda; Merlin, 1983. Stampat.

---. "L-Odissea". *marioazzopardi.com.* Mario Azzopardi, bla data. Internet. 16.02.10.

Bonnici, Ġużè. *Lejn ix-Xemx.* Malta: KKM, 1974. Stampat.

Braudel, Fernard. The Mediterranean and the Mediterranean in *the Age of Philip II.* Trad. Siân Reynolds. Glasgow: Fontana, 1966. Stampat.

Drofenik, Lou. *Birds of Passage.* L-Awstralja: Lou Drofenik, 2005. Stampat.

Friggieri, Oliver. Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija – Lejn Definizzjoni Storika-Kulturali. Malta: PEG, 1995. Stampat.

Grima, Adrian. Precariousness and the Erasure of the Mediterranean. *The Fight Against Poverty* (2008). Stampat.

Horden, Peregrine."Mediterranean Excuses: Historical Writing on the Mediterranean since Braudel." *Réseau thématique des centres européens de recherche en sciences humaines sur l'ensemble euro-méditerranéen* 6 (2008). Stampat.

Keats, John. *Ode to a Grecian Urn. bartleby.com.* Bartleby Bookstore, bla data. Internet. 04.12.07.

Kilin. *Tlikki tlikki ma' Wenzu.* Malta: Klabb Kotba Maltin, 2001. Stampat.

Massa, Daniel. *Dgħajsa Karti.* L-Imsida: il-Fakultà tal-Arti tal-UM, 2001. Stampat.

---. *Xibkatuliss.* Malta: Malta University Press, 1989. Stampat.

Susan, Laura. "Geography in Greek Myth". *suit101.com.* suit101, 21.11.07. Internet.